MALTESE

# Nista' Jew Ma Nistax?

| | **Perjodu ta' Periklu tan-Nar** – Nirien fil-miftuħ huma suġġetti għal restrizzjonijiet legali meta l-Perjodu ta' Periklu tan-Nar ikun iddikjarat mis-CFA għal muniċipalità partikulari. Restrizzjonijiet tal-Perjodu ta' Periku tan-Nar jibqgħu fis-seħħ sa' l-1 ta' Mejju sakemm ma jkunux irtirati aktar kmieni minħabba kundizzjonijiet staġjonali. F'foresti Statali, parks Nazzjonali, Statali u Reġjonali u reserves oħra, restrizzjonijiet ta' nar mid-Department of Sustainability and Environment (DSE) jibqgħu fis-seħħ is-sena kollha. Uffiċċji lokali tad-DSE u Parks Victoria jistgħu jagħtu pariri dwar x'restrizzjonijet japplikaw dwar ħġejjeġ li jitqabbdu f'foresti jew f'parks. | **Ibbannjar ta' Nar Totali (Total Fire Bans)** – Ibbanjar ta' Nar Totali jkun iddikjarat fi ġranet meta l-periklu għan-nar ikun kbir ħafna, meta n-nar jinfirex malajr u jkun diffiċċli biex ikun ikkontrollat. |
|---|---|---|
| **Nista' nagħmel barbikju, inqabbad ħuġġieġa fil-miftuħ jew inqabbad nar għas-sħana jew kumdità?** | **Iva** – imma biss jekk:<br>• ir-riħ ma jkunx aktar minn 10 killometri fis-siegħa; u<br>• in-nar jitqabbad f'post għan-nar mibni sewwa jew trunċiera ta' lanqas 30cm fonda; u<br>• in-nar ma jkunx f'anqas minn 7.5 metri bogħod minn zkuk maqtugħa jew fdalijiet ta' bċejjeċ ta' siġar li jibqgħu fl-art; u<br>• l-ispazju fl-art u fl-ajru jkun ħieles minn materjal li jaqbad 3 metri 'l bogħod; u<br>• in-nar u l-fjuwil użati jkunu l-minimu meħtieġa għall-iskop u ma jokkupawx erja ta' aktar minn metru kwadru; u<br>• persuna tkun fuq il-post il-ħin kollu waqt li n-nar ikun qed jaqbad.<br>Innota li skond l-Att tas-CFA, 'post għan-nar mibni sewwa' jfisser post għan-nar li jkun mibni mill-ġebel, metall, konkrit jew kull materjal ieħor li ma jaqbadx biex iżomm il-perimetru tan-nar.<br>Barbikju pproduċut kummerċjalment ikun ikkunsidrat bħala post għan-nar mibni sewwa. | **Iva** – Barbikjus li huma xi ħaġa mibnija f'post fiss, li jitqabbdu bil-gass jew bl-elettriċità, u mibnija fi strutturi permanenti tal-brikk, ġebel jew konkrit sakemm:<br>• l-erja ta' 3 metri madwar il-barbikju tkun imnaddfa minn materjal li jaqbad; u<br>• inti jkollok jew ħows ikkonnettjata mal-provista ta' l-ilma jew reċipjent b'ta' lanqas 10 litri ta' ilma; u<br>• persuna adulta tkun fuq il-post il-ħin kollu meta n-nar jkun qed jaqbad.<br>**Iva** – barbikjus li jinġarru li jitqabbdu bil-gass jew bl-elettriku sakemm:<br>• il-barbikju jkun qiegħed f'20 metru bogħod minn post fejn jgħixu n-nies (postijiet ta' residenza li jinġarru bħal m'huma djar mobbli, karavans jew tined m'humiex postijiet fejn jgħixu n-nies skond l-att tas-CFA); u<br>• l-erja ta' 3 metri madwar il-barbikju tkun imnaddfa minn materjal li jaqbad; u<br>• inti jkollok jew ħows ikkonnettjata mal-provista ta' l-ilma jew reċipjent b'ta' lanqas 10 litri ta' ilma; u<br>• persuna adulta tkun fuq il-post il-ħin kollu meta n-nar jkun qed jaqbad.<br>**Le** – Ħġejjeġ fil-beraħ, għas-sħana jew kumdità persunali u barbikjus solidi u bi fjuwil likwidu u fran huma bbanjati waqt Ibbanjar ta' Nar Totali. |
| **Jien kertejker. Nista' nissettja u nqabbad nar biex nopera BBQ jew spit f'funzjonijiet ta' barra?** | **Iva** – imma biss jekk:<br>• ir-riħ ma jkunx aktar minn 10 killometri fis-siegħa; u<br>• in-nar jitqabbad f'post għan-nar mibni sewwa jew trunċiera ta' lanqas 30cm fonda; u<br>• in-nar ma jkunx f'anqas minn 7.5 metri bogħod minn zkuk maqtugħa jew fdalijiet ta' bċejjeċ ta' siġar li jibqgħu fl-art; u<br>• l-ispazju fl-art u fl-ajru jkun ħieles minn materjal li jaqbad 3 metri 'l bogħod; u<br>• in-nar u l-fjuwil użati jkunu l-minimu meħtieġa għall-iskop u ma jokkupawx erja ta' aktar minn metru kwadru; u<br>• persuna tkun fuq il-post il-ħin kollu waqt li n-nar ikun qed jaqbad.<br>Barbikju pproduċut kummerċjalment ikun ikkunsidrat bħala post għan-nar mibni sewwa. | **Iva** – imma biss jekk ikollok permess bil-miktub maħruġ mis-CFA u timxi mal-kundizzjonijiet ta' dak il-permess.<br>Uffiċjali ta' Prevenzjoni ta' Nar Muniċipali (Municipal Fire Prevention Officers) ma jistgħux joħorġu dawn il-permessi.<br>Permessi jistgħu jingħataw lil persuni jew organizzazzjonijiet ta' karità fil-komunità biex ikunu permessi jqabbdu nar biex jippreparaw l-ikel għal nies oħrajn waqt l-attività.<br>Dawn il-permessi jinħarġu mill-Uffiċċju Reġjonali tas-CFA fil-lokal tiegħek. |
| **Nista' nuża inċiniratur?** | **Iva** – sakemm:<br>• tiċċekkja mal-kunsill dwar kull liġijiet lokali li jistgħu jordnaw kundizzjonijiet, jagħmlu restrizzjonijiet jew jipprojbixxu l-użu ta' inċiniratur (per eżempju bannijiet fi ġranet ta' alert ta' smogg, f'ċerti nħawi u ġranet tal-ġimgħa)<br>• in-nar ikun effettivament restritt fl-inċiniratur, u<br>• il-moviment ta' l-arja jkun 10 killometri fis-siegħa jew anqas; u<br>• l-erja ta' 3 metri madwar l-inċiniratur tkun imnaddfa minn materjal li jaqbad; u<br>• provista ta' ilma biżżejjed biex titfi n-nar tkun disponibbli meta n-nar ikun qed jaqbad; u<br>• persuna tkun fuq il-post il-ħin kollu meta n-nar jkun qed jaqbad. | **Le** – l-użu ta' inċiniratur huwa bbanjat f'Ibbanjar ta' Nar Totali |
| **Nista' nqabbad nar fil-miftuħ biex naħraq il-ħaxix, fdalijiet tal-ħaxix, ħaxix ħażin, pjanti żgħar jew veġetazzjoni oħra?** | **Iva** – Imma biss jekk:<br>• ikollok permess bil-miktub maħruġ mill-Uffiċjal tal-Prevenzjoni tan-Nar Muniċipali jew mill-Uffiċċju Reġjonali tas-CFA; u<br>• timxi mal-kundizzjonijiet ta' dak il-permess; u<br>• persuna tkun fuq il-post il-ħin kollu meta n-nar ikun qed jaqbad.<br>Ħafna kunsilli jibbanjaw ħruq fi ġranet ta' alert ta' smogg. | **Le** – nirien fil-miftuh għal ħruq ta' ħaxix, art niexfa b'siġar baxxi, fdalijiet tal-ħaxix jew skart huma ibbanjati waqt Ibbanjar ta' Nar Totali.<br>Kull permessi maħruġa mill-Uffiċjali tal-Prevenzjoni tan-Nar Muniċipali jkunu sospiżi fiż-żmien ta' kull Ibbanjar ta' Nar Totali. |

# Nista' Jew Ma Nistax?

CFA

| | **Perjodu ta' Periklu tan-Nar** – Nirien fil-miftuħ huma suġġetti għal restrizzjonijiet legali meta l-Perjodu ta' Periklu tan-Nar ikun iddikjarat mis-CFA għal muniċipalità partikulari. Restrizzjonijiet tal-Perjodu ta' Periku tan-Nar jibqgħu fis-seħħ sa' l-1 ta' Mejju sakemm ma jkunux irtirati aktar kmieni minħabba kundizzjonijiet staġjonali. F'foresti Statali, parks Nazzjonali, Statali u Reġjonali u reserves oħra, restrizzjonijiet ta' nar mid-Department of Sustainability and Environment (DSE) jibqgħu fis-seħħ is-sena kollha. Uffiċċji lokali tad-DSE u Parks Victoria jistgħu jagħtu pariri dwar x'restrizzjonijet japplikaw dwar ħġejjeġ li jitqabbdu f'foresti jew f'parks. | **Ibbannjar ta' Nar Totali (Total Fire Bans)** – Ibbanjar ta' Nar Totali jkun iddikjarat fi ġranet meta l-periklu għan-nar ikun kbir ħafna, meta n-nar jinfirex malajr u jkun diffiċċli biex ikun ikkontrollat. |
|---|---|---|
| **Nista' nagħmel xogħol ta' iwweldjar, tisnin, xogħol bl-istann jew qtugħ bil-gass?** | **Iva** – Imma biss jekk:<br>• Ikun hemm xi ħaġa li tilqa' n-nar jew tipproteġi mix-xrar eċċ; u<br>• Erja ta' lanqas 1.5 metri tkun imnaddfa minn kull materjal li jaqbad jew tkun imxarrba biżżejjed biex twaqqaf li jinfirex in-nar; u<br>• Ikollok provista ta' ilma jew knapsack (barżakka) ta' l-isprej bl-ilma li jkun fiha ta' lanqas 9 litri ta' ilma; u<br>• Persuna tkun fuq il-post il-ħin kollu meta n-nar jkun qed jaqbad; u<br>• Il-fdalijiet tal-bċejjeċ kollha u materjal jaħraq jitpoġġew f'kontenitur adattat għan-nar. | **Le** – Attivitajiet bħal iwweldjar, qtugħ bil-gass, xogħol bl-istann, tisnin, ħruq sakemmm oġġett isir iswed faħma, estrazzjoni ta' għasel u bitum li jissaħħan jipproduċu nar u sħana li huma pprojbiti waqt Ibbanjar ta' Nar Totali.<br>**Iva** – f'xi ċirkustanzi s-CFA toħroġ permess lill-organizzazzjonijiet ta' karità komunitarji, korporazzjonijiet statutorji, kunsilli, operazzjonijiet industrijali jew kummerċjali jew għal skopijiet ta' divertiment pubbliku li jawtorizzaw attivitajiet bħal dawn waqt Ibbanjar ta' Nar Totali. Dawn il-permessi għandhom jiġu mill-uffiċċji reġjonali tas-CFA, u ma jistgħux jinħarġu minn Uffiċjali ta' Prevenzjoni tan-Nar Muniċipali. |
| **Nista' nsuq vettura f'postijiet fejn il-vettura tkun f'kuntatt ma' uċuħ tar-raba', ħaxix, fdalijiet tal-ħaxix, ħaxix ħażin, pjanti żgħar jew veġetazzjoni oħra?** | **Iva** – Imma biss jekk il-vettura jkollha tagħmir effiċjenti li jnaqqas il-ħoss li jassorbi l-egżost kollu mill-magna permezz tat-tagħmir li jnaqqas il-ħoss.<br>Għandek tevita li ssuq vettura f'veġetazzjoni niexfa f'kundizzjonijiet sħan u niexfa, anke jekk ma jkunx hemm Ibbanjar ta' Nar Totali, minħabba r-riskju li toħloq is-sistema taħraq ta' l-egżost. | **Iva** – Imma biss jekk il-vettura jkollha tagħmir effiċjenti li jnaqqas il-ħoss li jassorbi l-egżost kollu mill-magna permezz tat-tagħmir li jnaqqas il-ħoss.<br>Dan għandu jkun evitat fejn huwa possibbli, minħabba l-periklu estrem ta' nar li jinħoloq minn veġetazzjoni niexfa u sistemi ta' egżost jaħarqu ħafna. |
| **Nista' nuża makkinarju b'kombustjoni interna jew magna li tisħon, bħal m'huma imħaret, makkinarju tal-qtugħ (slashers), makkinarju li jħaffer jew tagħmir fix-xogħol tat-toroq f'bogħod ta' 9 metri minn kull uċuħ tar-raba', ħaxix, fdalijiet tal-ħaxix, ħaxix ħażin, pjanti żgħar jew veġetazzjoni oħra?** | **Iva** – Imma biss jekk il-makkinarju<br>• ikun ħieles minn nuqqasijiet u difetti mekkaniċi li jistgħu jikkaġunaw nar li jinxtered; u<br>• ikollu spark arrester (kappa fuq nett taċ-ċumnija mħabba s-suffarelli); u<br>• ikollu fuqu tagħmir li jwaqqaf in-nar li jikkonsisti<br>  ○ f'pompa ta' l-isprej tan-knapsack, taħdem sewwa, mimlija sewwa bl-ilma, b'kapaċità ta' mhux anqas minn 9 litri; jew<br>  ○ fire extinguisher ta' l-ilma, jaħdem sewwa, mimli sewwa bl-ilma, b'kapaċità ta' mhux anqas minn 9 litri<br>Imħaret li jkollhom turbocharger jew exhaust aspirator air cleaner ma jkollhomx bżonn ta' spark arrestor. | **Iva** – Għal perjodu perikoluż tan-nar.<br>Madankollu, jekk huwa possibbli, ipposponi dan ix-xogħol, billi r-riskju li jibda xi nar huwa għoli ħafna. |
| **Nista' nuża chainsaw, trimmer tal-pjanti jew il-ħaxix jew lawn mower?** | **Iva** – Chainsaws, trimmers tal-pjanti u l-ħaxix jew lawn mowers użati f'veġetazzjoni ħadra mingħajr kundizzjonijiet preskritti.<br>Chainsaws, trimmers tal-pjanti u tal-ħaxix jew lawn mowers użati f'veġetazzjoni li mhix ħadra, għandhom ikunu<br>• ħielsa minn kull nuqqasijiet u difetti mekkaniċi li jistgħu jikkaġunaw nar li jinxtered u;<br>• ikollhom spark arrester effiċjenti; u<br>• ikollhom erja ta' lanqas 3 metri madwar il-magna nadifa minn materjal li jaqbad; u<br>• l-operatur tal-makkinarju għandu jġorr it-tagħmir imsemmi biex iwaqqaf in-nar<br>  ○ f'pompa ta' l-isprej tan-knapsack, taħdem sewwa, mimlija sewwa bl-ilma, b'kapaċità ta' mhux anqas minn 9 litri; jew<br>  ○ fire extinguisher ta' l-ilma, jaħdem sewwa, mimli sewwa bl-ilma, b'kapaċità ta' mhux anqas minn 9 litri | **Iva** – Għal perjodu perikoluż tan-nar.<br>Madankollu, jekk huwa possibbli, ipposponi dan ix-xogħol, billi r-riskju li tibda nar huwa għoli ħafna. Imxi mal-prekawzjonijiet imsemmija għal perjodu ta' periklu tan-nar u oqgħod attent ħafna. |